**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**

**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat: Dottor Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Il-Pulizija**

**Spettur Josef Gauci**

**Vs**

**Clifton Mifsud**

**Kawża numru: 27/2021**

**Illum 21 ta' Novembru 2023**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Clifton Mifsud ta' 45 sena bin Roque u Natalie xebba Gauci imwieled l-Imtarfa, nhar l-20 ta' Diċembru 1975 u residenti Gnejna Court Flat 1, Triq Ewropa, Rabat, Għawdex bil-karta ta' l-identita' numru 2476M li permezz tagħhom ġie akkuzat talli f' dawn il-

gzejjer nhar it-18 ta' Lulju 2021, għal habta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar fi Ġnejna Court, Triq l-Ewropa, Rabat, Għawdex :

1. *Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja ta' haddiehor f' periklu car, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jonathan Carabott u dan skont kif iccertifiak Dr Darren Galea Meilak MD numru ta' registrazzjoni mediku 4587 mill-isptar Generali ta' Ghawdex u dan bi ksur ta' l-artikoli 214 u 221(1) u 221(2) tal-kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.*
2. *U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm fil-pussess tieghu, garr il barra minn xi fond jew d' intorni tieghu, sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta hija, minghajr il-licenzja jew permess tal-kummissarju tal-pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 6 tla-kapitolu 480 tal-ligjiet ta' malta.*
3. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr ma jidrob jew isawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra n-nies u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-ligjiet ta' malta;*
4. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostnzi ingurja jew hedded lil Jonathan Carabott, b' ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra f' dan il-kodici, anke jekk kien ipprovokat, ingurja b' mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' malta.*

*Il-qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' htija bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza u cioe' ta' Jonathan Carabott jew ghaz-zamma tal-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'*

*obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus u dan ai termini tal-artikolu 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba li tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tohrog ordni ta' protezzjoni kontra Clifton Mifsud a beneficcju ta' Jonathan Carabott.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbilit mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.*

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet il-provi prodotti kif ukoll rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugħa preċedentement.

Rat l-artikoli ndikati mill-Avukat Ġenerali.

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li din il-kawża tinstema' bil-proċedura sommarja.

Semgħet trattazzjoni.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi Prodotti**

**Spettur Josef Gauci** xehed illi fit-18 ta' Lulju 2021 wara l-ħamsa ta' filgħaxija ġie nfurmat mis-surġent 428 li kien inqala' argument b' sikkina bejn Clifton Mifsud u Jonathan Carabott fi blokka ta' appartamenti fi Triq l-Ewropa, Rabat, Għawdex. Spjega li Jonathan Carabott kien sofra xi grieħi ħfief u ghalhekk Clifton Mifsud ġie arrestat. Spjega li l-vittma u l-imputat jgħixu fl-istess blokka ta' appartamenti.

**Surgent 428 Carmelo Debattista** spjega bil-gurament tiegħu li fit-19 ta' Lulju 2021 għal ħabta tal-ħamsa ta' filgħaxija, il-pulizija rċeviet telefonata li kien hemm argument fi Triq l-Ewropa, Rabat, Għawdex. Spjega li meta mar fuq il-post, sab ambulanza fuq il-post li kienet qed tipprepara biex tieħu lil Jonathan Carabott l-isptar. Dan kien ġie ferut f' inċident. Spjega li tkellem ma' mart il-vittma li sostniet li meta rritornaw lura mill-festa, raw li kien hemm xi urina ta' annimal fuq it-tapit tagħhom u nizlu jħabbtu lil ġar tagħhom. Spjega li din qalet li dan kellu muzika għolja mixgħula u ħabbtu ftit bil-qawwi fuq il-bieb biex jismagħhom. Qal li mart il-vittma spjegatlu li l-imputat fetaħ il-bieb u kellu sikkina f'idu x' aktar bix-xafra sewda. Kompla jgħid li mart il-vittma qalet li żewgħa kien informa lil imputat li kien sab l-urina fl-art u li min iħammeġ irid inaddaf warajħ. Spjega li mart il-vittma kompliet tgħid li zewgha kien qal lil imputat biex lanqas ma jagħmel kuntatt ma' uliedu u l-imputat kien offenda lil vittma filwaqt li xejjer is-sikkina u laqtu ġwewa l-parti ta' zaqqu.

Spjega li mart il-vittma infurmatu li hija mbuttat lil zewgħa lura u lil Mifsud ġewwa daru. Spjega li huwa qed jeżebixxi tlett skieken waħda mil-manku iswed u tnejn bil-manku blu li ġew elevati mill-uffiċjal tal-forensika. Qal li huwa kien innota taqtir tad-dmija barra u anke xi taqtir ġewwa fil-partijiet komuni.

In kontroezami, huwa spjega li mara kienet ċemplet għall-għajnuna tal-pulizija. Sostna li l-*bodycams* ma kinux mixgħula f' din l-okkazzjoni. Spjega li ma kienx hemm iktar inċidenti wara li ġie ferut il-vittma, peress li l-vittma mar bl-ambulanza u l-imputat mar bil-vettura tal-pulizija. Sostna li huwa ma rax klieb izda huwa lanqas ma għamel xi tfittxiija fl-appartament ta' l-imputat. Huwa ċaħad li l-vittma u martu kienu xurbana jew li kienu jidhru fis-sakra.

**Jonathan Carabott** xehed li huwa jgħix fi Ġnejna Court, Triq l-Ewropa, Rabat Għawdex u li dan l-inċident ġara f' din il-binja fit-18 ta' Lulju 2021. Spjega li hu u l-familja tiegħu kienu ghadhom kemm jaslu d-dar u xhin waslu fil-livell tal-appartament tagħhom, innota li kien hemm għadira urina. Spjega li l-imputat kien ġab annimal hemmhekk. Qal li martu marret tħabbat fuq il-bieb ta' l-imputat u huwa nizel warajja izda waqaf fit-taraġ. Spjega li martu kellha tħabbat fuq il-bieb bis-saħħa għaliex l-imputat kellu l-volum tal-muzika għoli. Spjega li l-imputat fetaħ il-bieb b' sikkina f'idejh u huwa għalhekk mar fejn martu biex jiġbidha 'l barra peress li din kienet fuq l-għatba tal-bieb. Spjega li dan l-imputat qabad jgħajjru u jgħolli leħnu. Spjega li huwa wieġbu lura li mhux ser jibza' minn min jgħolli leħnu izda l-imputat kien fil-pront wieġbu li għalkemm mill-għajjat ma kienx jitwerwer, mis-sikkina kien jibza'. Spjega li huwa ġie muri s-sikkina mill-imputat u

inġibed lura. Spjega li l-imputat għajjru u offendih anke b' ommu l-mejta u huwa kien ser jitla' 'l fuq izda l-imputat wafqu ġibdu minn spalltu u xejjirlu s-sikkina ġo sidru , 'il fuq miz-zokra.

Qal li huwa ġie megħjun minn martu izda storda u kisser ħġieġa b' idu. Qal li l-isptar għamlulu punt u ħadulu xi testijiet. Huwa ġie muri t-tlett skieken li ġew elevati u għaraf liema waħda kienet u ċioe' dik waħda minn dawk tal-manku blu.

**Michelle Portelli** xehdet li fit-18 ta' Lulju 2021 għal-habta ta' 4.15pm hija kienet ġol-Ġnejna Court Triq l-Ewropa, Rabat, Għawdex. Qal li wara l-bieb tal-appartament tagħhom sabu l-urina u hija qalet lil zewgha li kienet niezla tkellem lil imputat. Spjegat li zewġħa nizel magħha u hija ħabtet il-bieb. Spjegat li kellha tħabbat bis-saħħa għaliex l-imputat kellu l-volum tal-muzika għoli. Spjegat li dan fetaħ il-bieb b' sikkina f' idejh. Qalet li zewġħa nfurmaħ li kienu ġew biex ikellmuħ bil-kelma t-tajba u li jekk għandu kelb, huwa kellu jnaddaf warajħ jekk dan iħammeġ. Spjegat li l-imputat beda jgħajjat u jwerzaq u t-tifla nizlet u l-imputat keċċieha 'l fuq. Spjegat li hija kienet wissiet lil imputat biex lil bintha ma

jkeċċihiex 'il fuq u li ma jkellimhiex b' dak il-mod. Spjega li zewġħa kien qallu li l-għajjat ma jbeżżgħux izda l-imputat kien qallu li mis-sikkina jibza'. Spjegat li imbagħad l-imputat xejjer is-sikkina u laqat lil zewġħa. Qalet li hija mbuttat lil zewġħa biex is-sikkina ma tibqax tidħol 'il ġewwa. Sostniet li t-tfal tagħha raw dan l-inċident iseħħ u kien ta' trawma għalihom.

Spjegat li hija ċemplet lil pulizija u safrattant l-imputat għalaq il-bieb u baqa' jgħajjarhom minn wara l-bieb. Ix-xhud ġiet murija s-skieken elevati u identifikat is-sikkina li kienet intużat.

In kontroeżami, hija spjegat li l-partijiet komuni kienu magħluqa. Spjegat li l-imputat kellu kelb fil-gallerija. Spjegat li semgħet ukoll lil imputat jgħajjat mal-kelb ghax kien kissirlu xi oġġett. Ikkonfermat li kienet hi u zewġha li ħabbtu fuq il-bieb tal-imputat. Spjegat li l-imputat urihom mill-ewwel malli fetaħ il-bieb li kellu sikkina f'idejħ. Sostniet li idejh kienet imnizzla 'l isfel izda b' tali mod li s-sikkina kienet tidher. Ċahdet li hi u zewġha argumentaw ma' l-imputat izda kienu qed ikellmuħ bil-kelma t-tajba. Sostniet li l-imputat l-ewwel qalilhom li l-kelb ħeles minnu u imbagħad li m' għandhux kelb. Insistiet li l-argument ħolqu l-imputat għaliex ħareġ b' sikkina f' idejħ.

**PS 715 Lucian Gatt** spjega li huwa kien mar l-isptar u ta d-drittijiet legali lil imputat odjern. Spjega li l-imputat kien taħ il-verzoni ta' x' ġara. Qal li meta dan kien taħt il-kustodja tal-pulizija, huwa kien għazel id-dritt tas-silenzju.

**PC 268 James Farrugia** spjega li huwa kien intalab biex iwassal lis-surġent fi Triq l-Ewropa minħabba inċident li sehh. Qal li huwa ta l-assistenza lil PC 696 u eskorta lil Clifton Mifsud sal-karozza.

**PC 688 Josmar Muscat** spjega li huwa kien mar fuq il-post fi Triq l-Ewropa, Rabat, Għawdex fit-18 ta' Lulju 2021 għal habta ta' 4.20pm. Qal li sab lil Jonathan Carabott bilqegħda fuq ċint b' ferita f'idu u f' zaqqu. Spjega li kien involut f' argument ma' Clifton Mifsud rigward xi hmieġ ta' annimali

u li Clifton fetaħ il-bieb b'sikkina u taħ daqqa ta' sikkina fejn laqtu f'zaqqu. Spjega li talab għall-assistenza medika. Qal li huwa kien kellem lil Clifton Mifsud li kien qal li kif fetaħ il-bieb kellu sikkina f' idu għaliex kien qiegħed jiekol u li l-ferita li kellu Carabott saret billi Carabott ġibed id Clifton għal ġo fih. Spjega li Clifton Mifsud ingħata l-*caution* u ġie meħud il-*lock-up*. Qal li aktar tard reġa' mar fuq il-post biex jassisti lil PC 155 tal-forensika.

**PC 696 Marvic Vella** spjega li huwa kien flimkien ma' PC 688 u li meta marru fi Triq l-Ewropa Rabat Għawdex sabu lil Michelle u Jonathan Carabott isfel fil-bieb ta' barra fejn Carabott kellu xi demm f'idejħ u xi girfa ma' zaqqu. Spjega li d-demm ma' idu ġie kkagunat għax kisser xi ħġieġa izda l-grieħi f' zaqqu kienu saru minn Clifton Mifsud b'sikkina. Qal li ċemplu għall-ambulanza u marru jkellmu lil Clifton Mifsud. Spjega li huma kienu ġew infurmati li l-argument kien fuq xi ħmieġ ta' l-annimali izda ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' annimali fl-appartament ta' Clifton. Spjega li meta Clifton ġie mistoqsi dwar fejn kienet is-sikkina, huwa kien wieġeb li ma jafx. Qal ukoll li Clifton Mifsud kien qalilhom li huwa fetaħ il-bieb b' sikkina f' idejh u li Jonathan Carabott ġibidlu idejħ għal ġo zaqqu.

**PC 1155 Nicholas Gatt** spjega li huwa ħa xi ritratti u eleva tlett skieken li ġew mgħoddija lill-Ispettur.

**Bint il-vittma** spjegat li hija tgħix fil-F-lat 4, Ġnejna Court, Triq l-Ewropa, Rabat Għawdex u li fit-18 ta' Lulju 2021 fl-4.20pm il-familja tagħha sabet għadira urina quddiem il-bieb. Spjegat li ħuha kien zelaq fuqu. Qalet li nizlu jħabbtu lil imputat u ommha kellha tħabbat bis-saħħa għax l-imputat kellu l-muzika għolja. Qalet li missierha kien f'nofs it-tarag izda meta ra li l-imputat fetaħ il-bieb b' sikkina f' idejħ, huwa nizel fejn ommha. Spjega li

missierha qallu li huma ġew ikellmuħ bil-kelma t-tajba u mhux bi ġlied. Qalet li ommha kienet qaltlu li jrid inaddaf warajħ. Sostniet li l-imputat beda jħawwad u jgħid li l-kelb ma kienx tiegħu izda ta' ħaddiehor u beda jgħajjat fuq affarijiet oħra.

Qalet li hija setgħet tara u tisma' kollox. Qalet li missierha kien qallu li jista' jgħajjat kemm irid għaliex huwa ma jibzax mill-għajjat. Qalet li missierha dar izda l-imputat qabdu minn spallejħ dawwru u qallu li mill-għajjat ma jibzax izda mis-sikkina jibza'. Qal li taħ daqqtejn u li missierha ntlaqtet 'il fuq miz-zokra bis-sikkina. Qalet li l-imputat kien ser jipprova jagħti daqqa lil ommha bis-sikkina iżda taha daqqa ta' ponn fuq sidirha u ommha imbuttat lil missierha ma' ħajt u lill-imputat 'il ġewwa. Qalet li l-imputat sabbat il-bieb f' wiċċhom u baqa' jgħajjat u jgħajjarhom minn wara l-bieb.

In kontroeżami, hija kkonfermat li l-ġenituri tagħha baqgħu barra mill-appartament ta' l-imputat.

**PC 75 Kevin Saliba** xehed li mir-riċerka li għamel, l-imputat ma għandu l-ebda arma reġistrata mal-Korp tal-pulizija.

**Dr Darren Galea Meilaq** xehed li huwa ikkonferma ċ-ċertifikat mediku eżebit. Qal li l-vittma kellu ġerħa fil-parti taz-zokra u bejn is-sider li kienet superfiċjali. Qal li ma kinitx fonda u kellu ġerħa f' idu. Ikkonferma li l-ġriehi kienu ta' natura ħafifa.

**PS 676 Edelon Spiteri** xehed li huwa kien għamel verifiki dwar *CCTV cameras* li hemm fil-viċinat izda ġie nfurmat li ma kinux jaħdmu.

**L-imputat** xehed li huwa joqgħod fi flat 1, Ġnejna Court, Triq l-Ewropa, Victoria, Għawdex. Sostna li huwa jikri dan l-appartament mill-Awtorita' tad-Djar. Sostna li huwa għamel madwar erbgħin (40) rapport kontra l-persuni li jgħixu fi Flat 4. Sostna li huwa jirrekordjahom ukoll għaliex iħammġu u jħallu l-affarijiet wara l-bieb. Sostna li kien jiehu r-ritratti tal-partijiet tal-komun. Sostna li huwa mhux ċert bid-data ta' l-inċident għalkemm jaf li kien f' Lulju 2021. Sostna li huwa kien arrestat f' daru u gie aggrediet f' daru. Qal li kien id-dar. Sostna li gurnata qabel kien ġie sid il-blokka jnaddaf il-partijiet komuni. Sostna li l-bieb tal-partijiet komuni kien qed jitħalla miftuħ.

Sostna li huwa kien fi kwiet perfett sakemm waslu Carabott u l-familja tiegħu li huma storbjuzi. Qal li imbagħad sema' tisbit tremend mal-bieb tiegħu. Sostna li min iħabbatlu jekk ma jkollux appuntament miegħu, ma kienx jiftaħ. Izda peress li t-tisbit kien qawwi, huwa fetaħ il-bieb dakinhar. Sostna li Carabott tefa' waħda minn saqajħ ġewwa biex izomm il-bieb miftuħ. Qal li kellu id waħda mal-bieb u l-oħra kienet bis-sikkina li kien qed juza fil-kċina. Ikkonferma li huwa mar jiftaħ bis-sikkina f' idejħ. Sostna li kien qed jipprepara sidra tat-tiġieġa għall-ikel. Qal li kien sejjer jorqod u li soltu ma jiftaħx il-bieb għaliex ikun għarwien ġo daru. Sostna li s-sikkina kienet 'l isfel. MA kinitx moħbija għaliex huwa ma kellu l-ebda intenzjoni ta' xejn. Sostna li kienet sikkina li taqta' tul ta' nofs riga madwar ħmistax (15)-il ċentimetru.

Qal li Carabott beda jsemmilu fuq il-hmieġ u huwa ma kellmu xejn. Qal li kien hemm mart Carabott fuq ix-xellug, ibnu li dejjem jiġġieled ma' l-arja fuq il-lemin u t-tifla fuq it-taraġ izjed lura. Qal li huwa ma setax jagħlaq il-bieb minħabba sieq Carabott. Qal li Carabott beda jidgħi u huwa baxxa rasu

għaliex Carabott kellu riħa ta' sigaretti u xorb taqsam. Huwa qal li kulma qal lil Carabott kien li ser iġġib

il-pulizija u jaraw huma. Qal li huwa kien staqsa jekk il-bieb ta' barra kienx miftuħ u mart Carabott kienet qalet li kien magħluq izda huwa kien weġibha li kien ħadlu ritratt li kien miftuħ u kien anke għamel rapport dwar dan. Sostna li huma kienu erbgħa u huwa kien waħdu.

Sostna li r-raġel rega' beda jidgħi. Qal li huwa mess lil Carabott fl-ebda ħin u kien Carabott li qabadlu idu fejn kien qed izomm is-sikkina u ġebbidha lejh. Sostna li huwa qatt ma ħareġ mill-bieb tiegħu. Qal li imbagħad għalaq il-bieb f'wiċċhom. Sostna li Carabott ġibed lilu miegħu. Qal li s-sikkina baqgħet dejjem f' idejħ. Insista li ġo daru kollox xummiema għandu. Qal li ma stenniex li jiġu l-puliizja għandu. Sostna li ma nstabu l-ebda annimali fid-dar tiegħu. Sostna li waqt li kien hemm il-pulizija, Carabott reġa' mar għalih fl-appartament tiegħu. Spjega li huwa kien ġie mehud mill-pulizija. Sostna li huwa kien reġa' mar ma' l-uffiċjali tal-forensika.

In kontroeżami, huwa kkonferma li s-sikkina kienet f' idu l-leminija. Sostna li wara li ġew il-pulizija, Carabott daħal ġol-appartament tiegħu. Sostna li Carabott weġġa' idu peress li kisser hġieġa ta' tieqa li hemm fil-partijiet komuni. Ikkonferma li t-tifla kienet fuq it-taraġ u ma qalitx kelma.

**Psikjatra Anton Grech** xehed li l-imputat ma jbati mill-ebda kundizzjoni psikjatrika.

**Ikkunsidrat**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jistipolaw l-artikoli relevanti:

*"214.Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħata' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna.*

*... 217.L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn sentejn sagħaxar snin jekk tiġi magħmula b'arma regulari, inkella bi strumentli jaqta' jew iniggeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jaħraq jew li hu korrożiv:*

*Iżda meta r-reat ikun sar b'xi sustanza jew likwidu lijesplodi l-piena minima tkun priġunerija għal erba' snin u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma japplikawx"*

*...221.(1) L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għalżmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.*

*(2) Meta l-offiża ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, il-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa seba' snin.*

*(3) Meta l-effett, ikkonsidrat sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiż kemm moralment, ikun ta' importanza żgħira, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –*

*(a) il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa, jekk l-offiża ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 217, inkella fuq xi waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(a) u (b);*

*(b) il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, f'kull każ ieħor.*

*(4) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikoli (1) u (3), majittieħed ebda proċediment ħlief bil-kwerela tal-parti offiża, minnbarra minn meta l-offiża ssir fuq waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(a) u (b)."*

Din il-Qorti qieset il-verzjonijiet mogħtija mill-allegata vittma u martu u kif ukoll mill-imputat. Qieset ukoll ix-xhieda ta' bint l-allegata vittma li tikkorabora l-verzjoni mogħtija minn missierha. Minn din ix-xhieda u xħin għarblet il-provi kollha prodotti, din il-Qorti tqies li l-Prosekuzzjoni ressqet provi lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli li l-imputat ikkaġuna ġriehi ħfief fuq il-persuna ta' Jonathan Carabott bl-uzu ta' sikkina li kellu f' idejħ.

Id-difiża tipprova tagħmel kapital minn dettalji zgħar li fihom ma qablux fix-xhieda tagħhom il-vittma u martu. Izda dan in-nuqqas ta' preċizjoni f' ċertu dettalji ma jnaqqsu xejn mill-kredibilita' tax-xhieda mogħtija mill-vittma u martu. Il-vittma u martu entrambi qablu fil-verzjoni mogħtija minnhom dwar dak li għadda minnu l-istess vittma meta ġie milqut b' sikkina wara certu diskors li ngħadd mill-imputat. In oltre, il-verzjoni mogħtija mill-allegata vittma tikkombaċa mal-verzjoni mogħtija minn bintu li wkoll xehdet f' dawn il-proċeduri. Mill-banda l-oħra, il-verzjoni mogħtija mill-imputat ma tixħet l-ebda dell fuq il-provi li tressqu mill-Prosekuzzjoni. Dana iktar u iktar meta tqis li l-verzjoni mogħtija mill-imputat lanqas tagħmel sens loġiku. Sostna li ma jafx jekk Carabott intlaqatx jew le u fl-istess ħin għalkemm sostna li mexa bl-istint tiegħu u allegatament ħalla lil Carabott jiġbdu, fl-ebda ħin ma ħalla s-sikkina taqa' minn idejh biex b' hekk

jevita li dan l-inċident jeskala bhalma fil-fatt eskala. Nonostante li allegatament ġie aggredit, huwa naqas li jċempel lil pulizija u dana meta skont ix-xhieda tiegħu, huwa kontinwament iċempel jagħmel rapporti mal-pulizija.

Din il-Qorti qieset ukoll iċ-ċertifikat mediku prodott u eżebit a fol 15 tal-proċess. Qieset ukoll li dan gie kkonfermat bil-ġurament mit-tabib li rrilaxxjah.

Għalhekk, meta tevalwa kollox, din il-Qorti sejra ssib htija fl-imputat fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni, għalkemm sejra fir-rigward ta' piena tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li din il-ferita ġiet ikkaġunata b' sikkina u li din il-ferita kienet waħda superfiċjali.

Dwar it-tieni imputazzjoni u ċioe' dik taht l-artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti taghmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fid-29 ta' Ottubru 2019 fl-ismijiet il-Pulizija vs Mario Galea fejn intqal:

*"Dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikoli 6 u 7 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqraw:*

*6.Salvi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju.*

*7. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 ma jgħoddux għal:*
*(a) mus li jkollu xafra li toħroġ mhux aktar minn tmien ċentimetri mill-maqbad u li jista' raġonevolmentjitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użuminnu bħal dak li soltu jsir minn mus;*

*(b) sikkina li tintuża minn xi persuna bil-għan tat-twettiq tas-sengħa jew għall-fini tal-istudji tagħha, jew għal għanijiet ta' għads meta, wara li tqis il-ħin, il-post uċirkostanzi oħra, il-qorti tkun sodisfatta li dik is-sikkina kienet qiegħda attwalment tinġarr għal dawkil-finijiet.*

*Irrizulta mill-provi li l-imputat kellu fuqu mus li gie elevat minn fuq il-persuna ta' l-imputat meta dan ittiehed il-lock up. Gie infatti spjegat li l-imputat kien f' daru u mbaghad ittiehed il-lock up fuq ordni ta' l-ufficjali tal-pulizija. Kien imbaghad meta ntalab mill-pulzijia tal-lock up biex inehhi kollox mill-but li huwa hareg dan il-mus in kwistjoni.*

*Id-difiza sahqet li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx it-tul u kobor tal-mus in kwistjoni, izda l-Qorti hija sodisfatta mill-grad ta' prova mressqa mill-Prosekuzzjoni stante li l-istess mus gie ezebit fl-atti ta' din il-kawza u ghalhekk il-Qorti kellha l-opportunita' li tivvaluta l-kobor ta' l-istess xafra in kwistjoni.*

*Il-Qorti hasbet ukoll dwar dak li tghid il-ligi fejn jinghad li ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina minghajr il-licenzja apozita. Irrizulta li l-imputat ma kellu l-ebda licenzja biex igorr il-mus in*

*kwistjoni. Madanakollu, dan il-mus kien fuq il-persuna ta' l-imputat meta dan kien gewwa daru. Huwa gie akkuzat li hareg b' dan il-mus minn god-dar tieghu fid-data partikolari ta' dan l-incident. Huwa minnu li kemm fl-istqarrija mhiex iffirmata ta' l-imputat kif ukoll mix-xhieda ta' PS 1585, saret referenza ghall-fatt li l-imputat dejjem igorr dan il-mus mieghu. Madanakollu, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u fid-dawl ta' l-imputazzjoni hekk kif migjuba fil-konfront ta' l-imputat, din il-Qorti ma tistax tqies li gew sodisfatti r-rekwiziti essenzjali biex tigi ppruvata tali imputazzjoni.*

*Dana ghaliex l-imputat kien fid-dar tieghu meta sehh l-allegat incident. Huwa gie ordnat li jmur ma' l-ufficjali tal-pulizija minn go daru stess direttament ghal gol-lock up. Il-mus instab biss wara li l-imputat ittiehed il-lock up u ntalab jizvojta l-bwiet. Ghaldaqstant, il-qorti ma tqisx li gie ppruvat li fid-data premessa, l-imputat garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu mus minghajr ma kellu licenjza jew permess minghand il-Kummissarju. L-allegat incident allegatament sehh gewwa dar u l-imputat hareg mid-dar fuq ordnijiet tal-ufficjali tal-pulizija."*

Din il-Qorti qieset li similment f' din il-kawza, l-imputat kellu sikkina f' idejh meta kien ġo daru. Din il-Qorti tqies li dan il-każ odjern seħħ fil-binja fejn jirrissjedi l-istess imputat. Għalhekk ma tqisx li ġie ppruvat li fid-data premessa, l-imputat ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta.

Għaldaqstant, l-imputat sejjer jiġi liberat minn din it-tieni imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, din hija dik ravvizata fl-artikolu 339(1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi li hemm kontravvenzjoni kontra persuna jekk mingħajr ma jidrob jew isawwat, ihedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew iwaddabhom, jew jaqbad armi oħra kontra n-nies. F' dan il-każ, din l-imputazzjoni wkoll ġiet ampjament ippruvatha peress li rriżulta mill-provi prodotti li l-imputat utilizza sikkina sabiex biha jhedded lil Jonathan Carabott.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, din tirrigwarda l-kontravvenzjoni elenkata fl-artikolu 339(1) (e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi li hija kontravvenzjoni kontra l-persuna li persuna tagħmel lil ħaddieħor

inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limitital-provokazzjoni.

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Frendo spjegat hekk dwar l-artikolu 339(1) (e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"Fil-kuntest ta' l-artikolu 339(1)( e) tal-Kodici Kriminali, theddida tfisser li l-agent jipprospetta lil persuna ohra hsara ingusta fil-futur (hsara li pero' ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band' ohra fil-Kodici, e.z. l-artikolu 249) liema hsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' ta' l-istess agent."*

Il-Qorti qieset ix-xhieda mogħtija mill-partijiet kollha involuti inkluzi l-allegata vittma u l-imputat.

Qieset li l-Prosekuzzjoni ressqet provi lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli li l-imputat hedded lil Jonathan Carabott bil-kliem.

Il-Qorti hija sodisfatta li bid-diskors li ntqal mill-imputat u bil-ġesti li akkumpanjaw l-istess diskors, l-imputat kien qiegħed jhedded jew jinġurja lil Jonathan Caraboot. Il-Qorti tqies għalhekk li din dwar l-akkuza kontravvenzjonali ġiet ippruvata.

**Deċide**

Għal raġunijiet hawn fuq esposti, u wara li l-Qorti rat l-artikoli 214, 215, 221(1), 221(2), 339(1) (b) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, mhux qed issib lil Clifton Mifsud ħati tat-tieni imputazzjoni izda qed issib lil Clifton Mifsud ħati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi piena karċerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi ai termini ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-

Liġijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-Ħati Clifton Mifsud taħt ordni ta' probation għal perijodu ta' tlitt (3) snin mill-lum, liema ordni huwa soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti fisser lill-ħati Clifton Mifsud bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' probation u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li tonqos milli jikkonforma ruħhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu ta' l-ordni ta' probation, tistgħa tingħata sentenza ghar-reati li tagħhom nstab ħati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' probation moghti b'Digriet ta' llum stess
għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' l-ħati.

In oltre, il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 382 A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tohroġ ordni ta' trazzin fil-konfront ta' l-istess ħati a favur tal-vittma Jonathan Carabott, liema ordni ta' trazzin hija soġġetta għal varji kondizzjonijiet ilkoll kontenuti fl-istess ordni u liema ordni qed tinħareġ għal zmien tlett snin. Din l-ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

**Inoltre, wara rat ukoll li fiċ-ċirkostanzi tal-każ huwa indikat li l-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, stante li l-Qorti tqis li huwa meħtieġ li l-ħati jiġi**

**mgħejjun jegħleb diffikultajiet li jidher li hu affetwat minnhom, qegħda ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' trattament għal perjodu ta' tlett snin millum skont skont id-digriet li qiegħed jiġi anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.**

**Il-Qorti fehmet bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta' din l-ordni u l-konsegwenzi li l-ħati jkollu jaffaċċja fil-każ li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skont kif ordnat lilu.**

**In oltre, b' applikazzjoni ta' l-artikolu 23(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u ċioe' tas-sikkina li ntuzat f' dan l-inċident.**

(ft.) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur